MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 767/2011

**Condominium Services**
**C-39139**

**vs**

**Terrence Wilcox**
**ID333404-(L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuti huma sidien ta' wiehed mill-appartamenti formanti parti l-condominium Villa Eugenie, senjatament appartament numru 17, Block C;

Illi l-atturi nomine gew awtorizzati jiehdu l-azzjoni legali fil-konfront ta' sidien li ma jkunux hallsu l-kontribuzzjoni taghhom ghall-ispejjez tal-partijiet komuni tal-istess condominium indikat hawn fuq;
Illi l-kontribuzzjoni giet maqbula waqt laqghat tas-sidien;

Illi l-ammont dovut mill-konvenuti rapprezentanti s-sehem taghhom ta' kontribuzzjoni ghall-manutenzjoni tal-partijiet komuni f'dan il-condominium ghas-sena 2010 u 2011 jammonta globalment ghal bilanc ta' tlett mija u ghaxar Ewro (€310);

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati f'diversi okkazjonijiet biex ihallas is-sehem taghhom tal-ispejjez ghall-manutenzjoni tal-partijiet komuni tal-condominium, huma baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-atturi nomine jitolbu bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u ghaxar Ewro (€310), bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u ghaxar Ewro (€310.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------